# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 119/2018/LSO**

**Jasper de Trafford (K.I. 0184175M) u Fleur de Trafford nee de Trafford (K.I. 0586978M) personalment u in rapprezentanza ta' binhom minuri Monty de Trafford (K.I. 503513L) in kwantu kuraturi tal-istess minuri, u b' digriet tal-20 ta' Frar 2018 l-istess Jasper de Trafford u Fleur de Trafford nee` de Trafford gew mahtura bhala Kuraturi *ad litem* tal-minuri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Jasper de Trafford (K.I. 0184175 M) u Fleur de Trafford nee de Trafford (K.I. 0586978 M) personalment u in rapprezentanza ta' binhom minuri Monty de Trafford (K.I. 503513L) in kwantu kuraturi tal-istess minuri, datat 14 ta’ Frar 2018 fejn esponew bir-rispett u bil-gurament taghhom ikkonfermaw u ddikjaraw is-segwenti fatti li huma jafu bihom personalment:

Illi fis-27 ta' Settembru tas-sena 2013 twieled Monty de Trafford (iben Jasper u Fleur konjugi de Trafford) u dan kif muri fic-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni hamest elef u hamsa u tletin (5035) tas-sena elfejn u tlettax (2013) anness u mmarkat "DT 1";

Illi fl-istess certifikat ta' twelid hemm indikat l-"ismijiet moghtijin" u l-"isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" u f'dawk iz-zewg kolonni, bi zvista, isem il-wild tnizzel bhala *"Monty"* meta fil-fatt l-atturi riedu li l-isem tat-tarbija jitnizzel bhala "Montague" u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minn twelidu Monty de Trafford ghalkemm registrat bl-isem *"Monty"* dejjem kien u ghadu konsistentement jissejjah bl-isem **Montague** u dan l-isem jintuza mhux biss mill-familjari u hbieb tieghu izda anke minn konnoxxenti tieghu fil-hajja ta' kuljum;

Illi l-esponenti jixtiequ illi binhom Monty de Trafford mhux biss ikun maghruf bl-isem **Montague** izda li dan ikun ufficjalment l-isem tieghu anke fuq dokumenti pubblici;

Illi ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri *ai termini* tal-artiklu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponenti jitolbu bir-rispett lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra;-

1. Tiddikjara illi Monty de Trafford huwa maghruf konsistentement bl-isem ta' **Montague de Trafford** u mhux *Monty de Trafford;*

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' *Monty de Trafford* li jgib in-numru ta' registrazzjoni hamest elef u hamsa u tletin (5035) tas-sena elfejn u tlettax (2013) anness u mmarkat "DT 1" billi taht l-intestaturi "Ismijiet moghtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem *"Monty"* u minflok jigi registrat l-isem **"Montague"**;

3. Tordna li dan it-tibdil fl-isem ta' Monty de Trafford jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Monty de Trafford b'mod illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi isem Monty de Trafford ikun Montague de Trafford;

4. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 9 ta’ Marzu 2018 (fol 25) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tistqarr illi

m'hijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi filwaqt li ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta, hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjet il-minuri huwa kien konsistentament msejjah bhala 'Montague' u mhux 'Monty';

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponenti teccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrent *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, anness u mmarkat bhala Dok. DRP 1, l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn Jasper De Trafford. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 8 ta’ Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Falzon prezentat nota b'zewg affidavits u ghaddiet kopja

tal-istess lid-difensuri tal-kontro-parti. Dr Falzon iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u li rrimettiet ruhha, salv ghall-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubbblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fid-19 ta' Frar 2018 (fol 24) b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta' binhom minuri kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi l-isem "Monty" jigi sostitwit bl-isem "Montague".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li binhom minuri huwa msejjah u maghruf konsistentement bl-isem "Montague". Ghal dan il-ghan, gew esebiti diversi dokumenti oltre xhieda b'

affidavits. Minn dak esebit din il-Qorti hija soddisfatta li rnexxielhom jippruvaw dak minnhom sostnut.

Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid Dok DRP1, esebit mar-risposta, iffirmat mid-dikjarant. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tielet talba tar-rikorrenti, din mhijiex konformi mal-**artikolu 253(3) tal-Kap 16** billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u bis-sena relattivi. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi Monty de Trafford huwa maghruf konsistentement bl-isem ta' **Montague de Trafford** u mhux *Monty de Trafford;*

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-att ta' twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni hamest elef u hamsa u tletin (5035) tas-sena elfejn u tlettax (2013) anness u mmarkat "DT 1" billi taht l-intestaturi "Ismijiet moghtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem *"Monty"* u minflok jigi registrat l-isem **"Montague"**;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati.

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens li tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2018**